**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 465/2024

**Il-Pulizija**
***(Spettur Gabria Gatt)***

vs

**Francis Debrincat**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Francis Debrincat**, iben John u Mary Carmen nee Vella, imwieled fit-tlettax (13) ta' Frar 1958 u residenti "Mater Dolorosa", Triq

Santa Marija, Xewkija, Għawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9558(G) talli nhar l-għoxrin (20) ta' Marzu 2024, għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' filgħodu (11:15hrs) ġewwa Triq l-Għarus, Xewkija:

(1) volontarjament kiser l-ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u/jew ġlied;[1]

(2) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Emanuel Debrincat;[2]

(3) u aktar għax bl-imġieba tiegħu ikkawża biża' lil istess Emanuel Debrincat, biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu minn xi ħadd li jkun adoloxxenti, persuna diliġenti jew qarib ieħor;[3]

(4) ħebb għal Emanuel Debrincat u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa skond kif iċċertifikat minn Dr Rebekah Scerri inkarigata mill-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.[4]

Il-Qorti ġiet mitluba biex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Emanuel Debrincat skont l-artikolu 383(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha esebiti;

---

[1] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.
[2] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9
[3] Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9
[4] Artikolu 221(1) tal-Kap.9

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-għoxrin (20) ta’ Marzu 2024 għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta’ filgħodu (11:15hrs), il-Pulizija rċeviet rapport mingħand Emanuel Debrincat illi huwa kien għadu kemm ġie aggredit minn ħuh Francis Debrincat fi Triq l-Għarus, Xewkija. Emanuel Debrincat spjega li hekk kif ħareġ mill-ħanut huwa iltaqa’ ma’ ħuh Francis, tkellmu fuq xi għelieqi u fis-siegħa u l-ħin Francis tah daqqa ġo wiċċu u tefgħu fl-art. Emanuel Debrincat mar l-Isptar Ġenerali ta’ Għawdex sabiex jiddewwa u hemmhekk ġie ċertifikat li kien soffra feriti ta’ natura ħafifa.

Il-Pulizija bagħtet għal Francis Debrincat fejn dan wara li ingħata d-drittijiet legali tiegħu u irrifjuta li jkun assistit minn Avukat, stqarr li huwa kien iltaqa’ ma’ ħuh Emanuel Debrincat u kien tkellem miegħu dwar raba’ li Francis Debrincat kien tah lura xi snin aktar qabel. Francis Debrincat talab lil Emanuel Debrincat biex dan ir-raba’ jagħtihulu lura u Emanuel ma riedx. Emanuel Debrincat beda jgħajjar lil Francis Debrincat bħala l-ħalliel tad-dar u qallu sabiex jitlaq. Fil-pront Emanuel xejjer daqqa ta’ ponn lil Francis Debrincat u laqtu f’wiċċu. Francis, dak il-ħin tah daqqa lura. Emanuel tfixkel fuq il-bankina u waqa’ fl-art.

Ikkunsidrat;

Mill-provi prodotti huwa ċar li dakinhar tal-għoxrin (20) ta' Marzu 2024 il-parte civile u l-akkużat iltaqgħu ma' xulxin u ġew fl-idejn. Il-verżjonijiet li taw dwar l-argument li seħħ bejniethom huma kunflinġenti, kif jiġri spiss, f'każijiet ta' din in-natura. Emanuel Debrincat jinsisti li huwa ġie aggredit minn Francis Debrincat għal xejn b'xejn. Min-naħa l-oħra Francis Debrincat għalkemm jammetti li għajjar lil Emanuel u girfu jiċħad li huwa tah daqqa ta' ponn u waqqgħu mal-art.

Il-fatt li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet kunflinġenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fis-dsatax (19) ta' Mejju 1997: "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni, il-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-disgħa (9) ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Martin Mark Ciappara**: jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

Il-Qorti kellha l-opportunita li tisma' kemm ix-xhieda tal-parte civile Emanuel Debrincat u tal-akkużat Francis Debrincat kif wkoll tara l-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda. Minkejja li kellu akkużi kontra tiegħu, il-parte civile Emanuel Debrincat xorta għażel li jixhed dwar l-akkadut. Il-Qorti tinnota kif Emanuel Debrincat fix-xhieda prinċipali tiegħu kien ħafna selettiv f'dak li qal u dettalji essenzjali dwar dak li seħħ ma qalhomx. Fl-ewwel verżjoni li huwa ta, Emanuel Debrincat jgħid li iltaqa' ma' ħuh Francis Debrincat u dan tal-aħħar mingħajr ma lanqas biss tkellmu bejniethom, qabad u tah daqqa ta' ponn għall-għarrieda u tefgħu fl-art. Mistoqsi speċifikament minn din il-Qorti jekk intqalx xi kliem qabel huwa rċieva din id-daqqa, Emanuel Debrincat jisħaq li ma kien intqal l-ebda diskors bejniethom. Dan ivarja mill-verżjoni oriġinali li l-istess Emanuel Debrincat kien ta lill-Pulizija *a tempo vergine* meta huwa mar jagħmel ir-rapport oriġinali dwar dan il-każ. Fir-rapport tiegħu huwa kien indika li qabel seħħ il-kuntatt fiżiku bejniethom, kien intqal diskors dwar xi raba'.

Imbagħad fil-kontro-eżami tiegħu, Emanuel Debrincat ta dettalji li huwa ma semmiex fix-xhieda oriġinali tiegħu. Dan minkejja li kien mistoqsi dwar dawn id-dettalji direttament mill-Qorti fix-xhieda prinċipali tiegħu. In kontro-eżami Emanuel Debrincat jgħid li Francis kien talbu xi raba' lura u mingħajr ma stennieh jagħtih risposta lura, Francis Debrincat xejjirlu daqqa ta' ponn. Din il-verżjoni l-Qorti ma tqishiex kredibbli. Ma kienx jagħmel sens li f'dak il-punt Francis Debrincat jinfexx f'attakk fiżiku meta lanqas biss kien għadu ħa tweġiba mingħand ħuh għall-mistoqsija li huwa kien għamillu. Il-fatt li

Francis Debrincat għamel mistoqsija lil ħuh żgur li kien qed jistenna tweġiba lura mingħandu. Din il-Qorti ma tqisx li f'dak il-punt Francis Debrincat kellu raġuni għalfejn jagħmel xi azzjoni fil-konfront ta' ħuh meta kien qed jistennieh jagħtih tweġiba għall-mistoqsija tiegħu. Is-sens komun hekk jġagħlek taħseb!

Tenut kont il-mod ta' kif xehed Emanuel Debrincat u anke fid-dawl tax-xhieda mogħtija minn Francis Debrincat, din il-Qorti ma tqisx li x-xhieda ta' Emanuel Debrincat kienet waħda veritiera u li l-istess Emanuel Debrincat spiċċa vittma ta' aggressjoni għal xejn b'xejn hekk kif xehed hu. Emanuel Debrincat wkoll kien parteċipi fl-akkadut u ikkontribwixxa għall-istess incident li żviluppa bejn iż-żewġ partijiet.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnutax kif Francis Debrincat ma qagħadx idur mal-lewża u mill-ewwel ammetta fil-Qorti kif kien l-involviment tiegħu f'dan il-każ. Il-Qorti tqis li l-verżjoni korretta dwar kif verament seħħ l-inċident kienet dik mogħtija minn Francis Debrincat. Francis Debrincat spjega kif huwa kien mar jistenna lil ħuh ħiereġ mill-ħanut tal-merċa biex ikellmu. Jgħid kif huwa avviċinah u talab lil Emanuel Debrincat jagħtih lura r-raba' li Francis Debrincat kien jaħdem xi snin aktar qabel. Dan peress li dan ir-raba' kien spiċċa f'idejn in-nies. It-tweġiba ta' Emanuel Debrincat kienet li Francis ma kellux x'iridu u fil-pront Emanuel Debrincat tah daqqa ġo wiċċu u ħatfu mill-qmis. Minn hemm it-tnejn qabdu f'xulxin u Francis Debrincat giref lil Emanuel Debrincat. Fil-kommozzjoni l-istess Emanuel Debrincat tfixkel fil-bankina u waqa' fl-art. Francis Debrincat jammetti wkoll li huwa kien għajjar

lil ħuh Emanuel Debrincat *"ħalliel"*. Dan wara li dan tal-aħħar kien għajjar lill-istess Francis Debrincat *"ħalliel"* aktar qabel.

- **L-Ewwel Akkuża – Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9**

L-ewwel akkuża tikkonċerna l-ksur tal-buon ordni u l-paċi pubblika. Kif irrimarkat il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Rocco D' Alessandro***[5] sabiex tinstab ħtija għall-kontravvenzjoni ravviżata fl-artikolu 338(dd) huwa fundamentali li:

> *"jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew akkużat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib."*

Huwa ċar li f'dan il-każ kien hemm ġlieda bejn l-akkużat u l-parte civile, liema ġlieda seħħet fi triq pubblika hekk kif il-parte civile ħareġ mill-ħanut tal-merċa. Il-ġlieda żviluppat wara konversazzjoni qasira bejn iż-żewġ parijiet. L-azzjoni tal-akkużat magħduda ma' dik tal-parte civile żgur li kellha l-

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Mejju 2013 (Appell Kriminali Numru 223/2012). Riportata wkoll fissentenza fl-ismijiet The Police vs Joseph Feilazoo (Appell numru 44/2019) deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju 2019 .

possibilita li toħloq apprensjoni fost dawk li setgħu kienu viċin fejn seħħ l-akkadut. Dan huwa suffiċjenti għal sejbien ta' ħtija għall-fini ta' din l-akkuża.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap. 9</u>**

Fit-tieni akkuża, il-Prosekuzzjoni qed tinsisti li l-akkużat insulenta, hedded jew inġurja bi kliem lill-kwerelant bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9. Din l-akkuża ġiet pruvata għar-raġuni li mill-provi irriżulta li l-akkużat għajjar lill-parte civile *"ħalliel",* liema kelma sigurament tikklassifika bħala insult. L-istess akkużat inniffsu ammetta din l-akkuża waqt li huwa kien qed jagħti d-deposizzjoni tiegħu.

- **<u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 251B (1) tal-Kap. 9</u>**

Jibda biex jingħad li element fundamentali għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-reat ipotizzat fl-artikolu 251B huwa li jrid jkun hemm *"a course of conduct"* da parti tal-akkużat. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imġieba" f'din id-disposizzjoni tal-liġi.

Fi kliem Archbold: "*Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct*."[6]

Fl-edizzjoni tal-2012 tal-Blackstone's Criminal Practice jingħad li: *"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is*

[6] (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC)

*crucial to the success of any prosecution for harassment, and ʽit is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct."*

Fuq l-istess tema fl-edizzjoni tal-2008 tal-Blackstone Criminal Practice ġie spjegat li:

> *"How separate the two occasions must be, remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived ʽwhere incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

B'rabta ma' din l-akkuża, ta' min jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**,[7] fejn il-Qorti ikkummentat li r-*ratio legis* tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B imur oltre semplicement theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi ħadd biex iħossu mhedded. Il-

[7] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2009 per l-Onor. Imħallef Dr Joe Galea Debono.

Qorti għamlitha ċara li irid ikun hemm regolarita b'fatti diversi, fuq perijodu ta' żmien u r-reat mhux intiż għall-okkażżjoni waħda jew għal akkuża li tirrisali għall-inċident partikolari iżda għall-okkażżjonijiet li fihom iseħħ *"course of conduct"* li jwassal biex persuna tibża' kif imfisser fl-istess artikolu.

Minn eżami tal-atti proċesswali huwa ċar li dan il-każ jitratta inċident ta' darba: dan joħroġ kemm mir-rapporti oriġinali li saru minn Emanuel u Francis Debrincat rispettivament u anke mix-xhieda li huma taw quddiem din il-Qorti. Kien inċident li ma damx sejjer aktar minn ftit minuti. Anke l-komparixxi kif inhi formultata tindika li l-akkużi qegħdin jirreferu għall-inċident ta' darba. Infatti l-Prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali tagħha tikkonferma kif dan kien inċident ta' darba u li għalhekk m'hemmx il-*course of conduct* rikjest għall-fini ta' sejbien ta' ħtija. Il-Qorti għalhekk sejra tillibera lill-akkużat minn din l-akkuża.

- **<u>Ir-Raba' Akkuża – Artikolu 221(1) tal-Kap. 9</u>**

F'din l-akkuża, Francis Debrincat qiegħed jiġi akkużat li huwa ħebb u ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-parte civile. Din l-akkuża wkoll tirriżulta għar-raġuni li l-istess akkużat ammetta fix-xhieda tiegħu kif huwa giref lill-parte civile f'wiċċu x'ħin it-tnejn ġew fl-idejn. Riżultat wkoll tal-kolluttazzjoni ta' bejniethom, il-parte civile spiċċa waqa' fl-art u anke soffra xi ġrieħi riżultat ta' dan. L-entita tal-feriti li soffra l-parte civile ġew debitament konfermati permezz taċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr Rebekah Scerri liema ċertifikat mediku ġie anke konfermat bil-ġurament mill-istess tabiba. Għall-fini ta' kalibrar tal-piena, il-Qorti

sejra pero tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt ta’ kif żviluppa l-inċident bejn iż-żewġ partijiet, partikolarment li l-inċident in kwistjoni beda ad istanza tal-parte civile Emanuel Debrincat.

- **<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(a) **<u>mhux qed issib lill-akkużat ħati tat-tielet (3)</u>** akkuża u qiegħda tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikoli 17, 221(1), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta **<u>qiegħda issib lill-akkużat ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba’ (4)</u>** akkuża u qed tikkundannah għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ mitt ewro (€ 100).

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta’ Emanuel Debrincat kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta’ sena u dan taħt penali ta’ ħames mitt ewro (€ 500).

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**

**Joseph Grech**
**Deputat Registratur**